



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Mejju 2020
(OR. en)

6967/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0219 (NLE)

FDI 4
SERVICES 6
WTO 54

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SERVIZZI U
L-INVESTIMENT li tadotta regoli għall-medjazzjoni biex jintużaw
mill-partijiet litiganti fit-tilwim dwar l-investment

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI Nru [.../...] TAL-KUMITAT GĦAS-SERVIZZI U L-INVESTIMENT

ta'...

**li tadotta regoli għall-medjazzjoni biex jintużaw
mill-partijiet litiganti fit-tilwim dwar l-investment**

IL-KUMITAT GĦAS-SERVIZZI U L-INVESTIMENT,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 26.2.1(b) tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”),

Billi l-Artikolu 8.44.3(c) tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment jista' jadotta regoli għall-medjazzjoni biex jintużaw mill-partijiet litiganti kif imsemmi fl-Artikolu 8.20 (Medjazzjoni) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) id-definizzjonijiet fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali) tal-Kapitolu Wieħed (Definizzjonijiet ġenerali u dispożizzjonijiet inizjali) tal-Ftehim;
- (b) id-definizzjonijiet fl-Artikolu 8.1 (Definizzjonijiet) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) tal-Ftehim;
- (c) “ftehim li ssir medjazzjoni” tfisser ftehim magħmul skont l-Artikolu 3(4) ta’ din id-Deċiżjoni; u
- (d) “medjatur” tfisser persuna fiżika li tmexxi medjazzjoni f’konformità mal-Artikolu 8.20 (Medjazzjoni) tal-Ftehim.

Artikolu 2
Objettiv u Kamp ta' Applikazzjoni

L-objettiv ta' dan il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni hu li jiffaċilita li tinstab soluzzjoni bi ftehim reċiproku permezz ta’ proċedura komprensiva u rapida bl-assistenza ta’ medjatur.

Artikolu 3
Bidu tal-Proċedura

1. Kull parti litiganti tista' titlob, fi kwalunkwe ħin, il-bidu tal-proċedura ta' medjazzjoni. Tali talba għandha tkun indirizzata lill-parti litiganti l-oħra bil-miktub.
2. Jekk it-talba tikkonċerna allegat ksur tal-Ftehim mill-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u l-ebda konvenut ma jkun ġie ddeterminat skont l-Artikolu 8.21 (Determinazzjoni tal-konvenut f'tilwimiet mal-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha) tal-Ftehim, din għandha tiġi indirizzata lill-Unjoni Ewropea. Jekk it-talba tiġi aċċettata, ir-risposta għandha tispeċifika jekk il-parti litiganti fil-medjazzjoni hijiex se tkun l-Unjoni Ewropea jew l-Istat Membru kkonċernat¹.
3. Il-parti litiganti li lilha hi indirizzata t-talba għandha tagħti kunsiderazzjoni simpatetika lill-talba u taċċetta jew tirrifjuta bil-miktub fi żmien 10 ijiem minu tirċeviha.

¹ Għal aktar ċertezza, jekk it-talba tkun tikkonċerna trattament mill-Unjoni Ewropea, il-parti litiganti fil-medjazzjoni għandha tkun l-Unjoni Ewropea u kull Stat Membru kkonċernat għandu jkun assoċjat bis-sħiħ fil-proċess ta' medjazzjoni. Meta t-talba tkun tikkonċerna esklussivament trattament minn Stat Membru, il-parti litiganti fil-medjazzjoni għandha tkun l-Istat Membru kkonċernat, sakemm dan ma jitlobx li l-Unjoni Ewropea tkun parti litiganti.

4. Jekk il-partijiet litiganti jaqblu li jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni, għandhom jiffirmaw ftehim, bil-miktub, li se jidħlu f' medjazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli maqbula mill-partijiet litiganti, li għandu jinkludi r-regoli f' din id-Deċiżjoni. Il-ftehim li ssir medjazzjoni jista' jinkludi ftehim li ma jinbdew jew li ma jitkomplew l-ebda proċedimenti ta' soluzzjoni ta' tilwim oħrajn relatati mal-problemi jew it-tilwim li huma soġġetti għall-proċedura ta' medjazzjoni:

(a) waqt li l-proċedura ta' medjazzjoni tkun pendent; jew

(b) il-partijiet litiganti jkunu waslu għal soluzzjoni bi qbil reċiproku.

Ftehim skont is-subparagrafu 4(b) ta' dan l-Artikolu għandu jieqaf japplika jekk parti litiganti, jew iż-żewġ partijiet litiganti, jipprovdu avviż bil-miktub, mibgħut permezz ta' ittra lill-medjatur u lill-parti litiganti l-oħra, li jtemm il-proċedura ta' medjazzjoni.

Artikolu 4

Ħatra tal-Medjatur

1. Jekk iż-żewġ partijiet litiganti jaqblu li jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni, għandu jinħatar medjatur f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8.20.3 tal-Ftehim. Il-partijiet litiganti għandhom jagħmlu hilitom biex jaqblu dwar medjatur fi żmien 15-il jum minn meta tasal it-tweġiba għat-talba. Tali qbil jista' jinkludi l-ħatra ta' medjatur minn fost il-Membri tat-Tribunal stabbilit skont l-Artikolu 8.27.2 tal-Ftehim jew Membri tat-Tribunal tal-Appell stabbilit skont l-Artikolu 8.28.3 tal-Ftehim.

2. Il-partijiet litiganti jistgħu, permezz ta' kunsens bil-miktub, jaqblu li jissostitwixxu l-medjatur. Jekk medjatur jirriżenja, isir inkapaċitat jew b'mod ieħor ma jibqax kapaċi jwettaq dmirijietu, għandu jinħatar medjatur ġdid skont l-Artikolu 8.20.3 tal-Ftehim u f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. Medjatur m'għandux ikun ċittadin ta' waħda mill-Partijiet, sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor.
4. Il-medjatur għandu jassisti, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tat-Tribunal, għall-Membri tat-Tribunal tal-Appell u għall-Medjaturi, lill-partijiet litiganti biex jaslu għal soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku.

Artikolu 5

Regoli tal-Proċedura ta' Medjazzjoni

1. Fi żmien 10 ijiem mill-ħatra tal-medjatur, il-parti litiganti li tkun sejħet għall-proċedura ta' medjazzjoni għandha tippreżenta deskrizzjoni dettaljata tal-problema, bil-miktub, lill-medjatur u lill-parti litiganti l-oħra. Fi żmien 20 jum mid-data tal-wasla ta' din is-sottomissjoni, il-parti litiganti l-oħra tista' tressaq, bil-miktub, il-kummenti tagħha dwar id-deskrizzjoni tal-problema. Kull parti litiganti tista' tinkludi fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha kwalunkwe informazzjoni li tqis rilevanti.

2. Il-medjatur jista' jiddeċiedi dwar l-aktar mod xieraq biex jiċċara l-problema kkonċernata. B'mod partikolari, il-medjatur jista' jorganizza laqgħat bejn il-partijiet litiganti, jikkonsulta mal-partijiet litiganti b'mod konġunt jew individwalment, ifittex l-assistenza ta' jew jikkonsulta mal-esperti u l-imsieħba interessati rilevanti u jipprovi kwalunkwe appoġġ addizzjonali mitlub mill-partijiet litiganti. Madankollu, qabel ifittex l-għajnuna jew jikkonsulta mal-esperti u l-imsieħba interessati rilevanti, il-medjatur għandu jikkonsulta mal-partijiet litiganti.
3. Il-medjatur jista' joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-partijiet litiganti li jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw is-soluzzjoni proposta jew jistgħu jaqblu dwar soluzzjoni differenti. Madankollu, il-medjatur ma għandux jiddeċiedi dwar il-konsistenza ta' xi miżura inkwistjoni mal-Ftehim.
4. Il-proċedura għandha ssir fit-territorju tal-Parti li tkun Parti litiganti, jew permezz ta' ftehim reċiproku fi kwalunkwe post ieħor jew bi kwalunkwe mezz ieħor.
5. Il-partijiet litiganti għandhom jagħmlu hilitom biex jaslu għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi żmien 60 jum mill-ħatra tal-medjatur. Sakemm jintlaħaq ftehim finali, il-partijiet litiganti jistgħu jikkunsidraw soluzzjonijiet interim possibbli.

6. Fuq talba tal-partijiet litiganti, il-medjatur għandu jagħti lill-partijiet litiganti, bil-miktub, abbozz ta' rapport fattwali, fejn jipprovdi sommarju qasir ta': (a) kwalunkwe miżura inkwistjoni f'dawn il-proċeduri; (b) il-proċeduri li ġew segwiti; u (c) kwalunkwe soluzzjoni bi qbil reċiproku milħuqa bħala l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri, inklużi soluzzjonijiet interim possibbli. Il-medjatur għandu jagħti lill-partijiet litiganti 15-il jum mill-ħruġ tal-abbozz tar-rapport fattwali sabiex jikkumentaw dwar l-abbozz tar-rapport. Wara li jikkunsidra l-kummenti tal-partijiet litiganti ppreżentati f'dan il-perjodu, il-medjatur għandu jippreżenta r-rapport fattwali finali lill-partijiet litiganti bil-miktub, fi żmien 15-il jum mill-wasla tal-kummenti tal-partijiet litiganti. Ir-rapport fattwali ma għandu jinkludi l-ebda interpretazzjoni tal-Ftehim.
7. F'konformità mal-Artikolu 8.20.5 tal-Ftehim, il-proċedura ta' medjazzjoni għandha tintemm b'avviż bil-miktub ta' parti litiganti, jew taż-żewġ partijiet litiganti, mibgħut permezz ta' ittra lill-medjatur u lill-parti litiganti l-oħra, fid-data li jingħata l-avviż.

Artikolu 6

Implimentazzjoni ta' Soluzzjoni Miftiehma b'Mod Reċiproku

1. Jekk tiġi adottata soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku mill-partijiet litiganti, kull parti litiganti għandha tiegħu l-miżuri neċessarji biex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fiż-żmien miftiehem.
2. Il-parti litiganti li qed timplimenta għandha tgħarraf lill-parti litiganti l-oħra bil-miktub b'kull pass jew miżura li tiegħu biex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 7

Relazzjoni mas-Soluzzjoni ta' Tilwim

1. Il-proċedura taħt dan il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni mhijiex maħsuba biex isservi bħala bażi għal soluzzjoni ta' tilwim taħt proċeduri oħra ta' soluzzjoni ta' tilwim stabbiliti fil-Ftehim jew fi ftehim ieħor. Parti litiganti ma għandhiex tibbaża ruħha fuq, jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri oħra ta' soluzzjoni ta' tilwim, u l-ebda entità aġġudikanti ma għandha tikkunsidra:
 - (a) pożizzjonijiet meħuda, ammissjonijiet mgħmula jew fehmiet espressi minn parti litiganti matul il-proċedura ta' medjazzjoni;
 - (b) il-fatt li parti litiganti indikat ir-rieda li taċċetta soluzzjoni għall-problemi jew tilwim li huma suġġetti għall-proċedura ta' medjazzjoni;
 - (c) pariri mogħtija, proposti magħmula jew fehmiet espressi mill-medjatur; jew
 - (d) il-kontenut ta' abbozz jew rapport finali fattwali minn medjatur.
2. Soġġett għall-Artikolu 3(4) ta' din id-Deċiżjoni, il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet u tal-partijiet litiganti skont it-Taqsima F (Risoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment bejn l-investituri u l-istati) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) u l-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni ta' Tilwim) tal-Ftehim.

3. Il-qbil tal-partijiet litiganti li jagħmlu medjazzjoni, u kwalunkwe soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku għandhom ikunu disponibbli pubblikament. Il-verżjonijiet żvelati lill-pubbliku ma għandux ikun fihom informazzjoni li parti litiganti tkun indikat bħala kunfidenzjali. Sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor, kull pass ieħor tal-proċedura ta' medjazzjoni, inkluż kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta, għandu jinżamm kunfidenzjali. Madankollu, kwalunkwe parti litiganti tista' tiżvela lill-pubbliku li tkun qed issir medjazzjoni.

Artikolu 8

Limiti ta' Żmien

Kwalunkwe limitu taż-żmien imsemmi f'din id-Deċiżjoni jista' jiġi modifikat bi qbil reċiproku bejn il-partijiet litiganti.

Artikolu 9

Spejjeż

1. Kull parti litiganti għandha ġġarrab l-ispejjeż kollha tagħha li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' medjazzjoni.
2. Il-partijiet litiganti għandhom jaqsmu b'mod konġunt u ndaq l-ispejjeż li jirriżultaw minn kwistjonijiet organizzazzjonali, inkluż ir-rimunerazzjoni u l-ispejjeż tal-medjatur. Ir-rimunerazzjoni tal-medjatur għandha tkun f'konformità ma' dik prevista għall-Membri tat-Tribunal skont l-Artikolu 8.27.14 tal-Ftehim.

Artikolu 10
Testi Awtentiċi

Din id-Deċiżjoni hija mfassla bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Żvediża u Ungeriża, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 11
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata u għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Taqsima F (Riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment bejn l-investituri u l-istati) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) tal-Ftehim, soġġett għall-iskambju mill-Partijiet ta' notifiċi bil-miktub, permezz ta' mezzi diplomatiċi, li jikkonfermaw li jkunu temmew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni neċessarji.

Magħmul fi ... fi ...

Għall-Kumitat
dwar is-Servizzi u l-Investment
Il-Kopresidenti